MALTA

# QORTI CIVILI (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF NOEL CUSCHIERI**

Seduta tat-30 ta' Marzu, 2011

Citazzjoni Numru. 270/2003

**B Q**
**vs**
**V Q**

**Il-Qorti,**

Rat l-att tac-citazzjoni li permezz tieghu l-attrici ppremettiet: li l-partijiet izzewwgu fil-21 ta' Settembru 1974, u minn dan iz-zwieg twieldu erbat-it tfal [li llum huma kollha maggjorenni]; li l-hajja konjugali bejn il-partijiet m' ghandhiex aktar possibbli u z-zwieg tkisser irrimedjabbilment, stante li l-konvenut irrenda ruhhu hati fil-konfront ta' l-attrici ta' adulterju, abbandun, sevizzi, mohqrija u eccessi; li l-attrici ottjeniet id-debita awtorizzazzjoni sabiex tipprezenta l-iztanza odjerna; ghalhekk qed titlob li din il-Qorti [1] tiddikjara s-separazzjoni personali bejn il-partijiet ghal tortijiet unikament imputabbli lill-konvenut; [2] tistabbilixxi retta alimentarja pagabbli mill-konvenut lill-attrici; [3] tordna li l-

kura u kustodja tat-tfal minuri tibqa’ kongunta, b’ access stabbilit mill-Qorti; [4][5] ixxolji, tillikwida u tassenja l-assi tal-kommunjoni bejn il-partijiet, u tordna r-restituzzjoni lill-attrici ta’ l-effetti dotali u parafernali taghha; [6] tapplika fil-konfront tal-konvenut l-artikolu 48 tal-Kap.16; [7] tawtorizza d-debita registrazzjoni tas-sentenza fir-Registru Pubbliku; bl-ispejjz;

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet tal-konvenut li biha: cahad dak imputat lilu mill-attrici; li ghall-firda tahti biss l-attrici; li l-Qorti ghandha tiddikjara li hi ddekadiet mid-dritt tal-manteniment;

Rat id-digriet moghtija minn din il-Qorti fit-23 ta’ April 2007, fuq talba ta’ l-attrici, u d-digriet moghti fis-19 ta’ Frar 2009, fuq talba kongunta, li permezz taghhom il-Qorti ssospendiet f’ zewg okkazzjonijiet il-prolazzjoni tas-sentenza.

Rat id-diversi udjenza li fihom il-partijiet talbu li l-kawza tibqa’ differita ghac-cessjoni, stante li l-partijiet kienu qed jipprovaw jitransigu; u fil-fatt fil-mori tal-proceduri odjerni huma lahqu ftehim fuq diversi aspetti tal-kawza;

Rat l-atti kollha tal-kawza, inkluzi d-dikjarazzjoni guramentata tal-partijiet, il-listi tax-xhieda u l-affidavits prezentati;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Ikkunsidrat;

**L-Azzjoni**

Illi permezz ta’ l-azzjoni odjerna l-attrici qeda titlob li din il-Qorti tiddikjara s-separazzjoni personali bejn il-partijiet ghar-ragunijiet unikament imputabbli lill-konvenut, fit-termini ta’ l-artikoli 38, 40 u 41 tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Minn naha tieghu l-konvenut qed jichad dak imputat lilu, u jattribwixxi r-responsabbilta’ tal-firda unikament lill-attrici.

**Separazzjoni Personali**
Illi l-partijiet izzewwgu fil-21 ta' Settembru 1974, u f' dan iz-zwieg twieldu erbat-it tfal li llum huma kollha maggjorenni.

Illi l-inkwiet matrimonjali f' dan iz-zwieg beda meta l-konvenut aggrava fl-abbuz mill-alkohol, bir-rizultat li kien mar lura fin-negozju u anke kien ghamel hafna dejn li hafna minnu spicca thallas bil-hidmat ta' l-attrici.

Konsegwenzjalment, il-komportament tal-konvenut, fil-konfront ta' martu kien sar wiehed abbuziv konsistenti fi vjolenza domestika morali, sa tal punt li l-konvivenza matrimonjali kienet saret insapportabbli ghall-attrici, anke minhabba li uhud mit-tfal bdew jehdu l-ezempji hziena ta' missierhom il-konvenut.

Rizultat ta' dan, l-attrici kienet kostretta titlaq mid-dar konjugali, u anke kellha tirrikorri ghal ghajnuna psikjatrika minhabba l-effett negattiv li l-inkwiet kollhu halla fuqha.

Il-Qorti hija tal-fehma li, fic-cirkostanzi, iz-zwieg bejn il-kontendenti tkisser irrimedjabbilment, u ghal dan jahti unikament il-konvenut minhabba sevizzi maghmula minnu fil-konfront ta' martu.

**Mantenimnet**
Illi hemm qbil bejn il-partijiet li ghandu jigi konfermat id-digriet moghti mis-Sekond Awla tal-Qorti Civili li permezz tieghu l-konvenut kien gie ordnat li pendente lite jhallas lill-attrici bhala manteniment ghaliha s-somma settimanali ta' LM20 [illum €46.60].

Ghalhekk il-Qorti tordna li l-konvenut jiqba' jhallas lill-attrici din ir-retta alimentarja.

**Kura u Kustojda**
Illum dan il-kap gie sorvolat billi t-tfal huma maggjorenni.

**Komunjoni ta' l-Akkwisti**

Illi fil-mori tal-kawza, il-partijiet ftehmu fuq diversi assi formanti parti mill-Kommunjoni ta' l-Akkwisti, fosthom id-dar matrimonjali li nbieghet, flimkien ma' l-effetti mobbli hemm ezistenti.

Illi dwar ir-rimanenti assi, il-Qorti, tenut kont ukoll ta' dak accettet miz-zewg partijet, tordna s-segwenti assenjazzjoni:

[1] li l-konvenut jassenja lill-attrici sehemu tal-vettura Metro b' mod li din tkun tappartjeni lill-attrici fl-intier taghha;  filwaqt li l-attrici tassenja sehemha fil-vettura Maruti,flimkien mad-dejn fuqha, b' mod li din tkun tappartjeni lill-konvenut fl-intier taghha;

[2] Il-kirja tal-hanut fi Strada Repubblika, il-Belt Valletta qed tigi assenjata lill-attrici esklussivament;

[3] li kull dejn ikkuntrattat mill-parti f' isimha, minghajr il-kunsens tal-parti l-ohra jibqa' jghajjat biss lil dik il-parti li tkun ikkuntrattatu.

**Decide**

Ghal dawn il-motivi tiddeciedi billi:
[1] tilqa' l-ewwel talba, u tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-partijiet, bi htija unika tal-konvenut;
[2] tilqa' t-tieni talba u tordna li l-konvenut jhallas lill-attrici bhala manteniment ghaliha s-somma settimanali ta' €46.60 [ekwivalenti ghal LM20];
[3] tastjeni milli tiehu konjizzjoni tat-tielet talba;
[4] tilqa' ir-raba' u l-hames talbiet fit-termini u kif fuq stabbilit u ordnat fis-sezzjoni ntestata 'Kommunjoni ta' l-Akkwisti';
[5] tilqa's-sitt talba;
[6] tilqa' s-seba talba;

L-ispejjez kollha jkunu a kariku tal-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------